MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 214/2005/2

**Monica Borg**

**v.**

**Giovanni Borg**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan hu appell maghmul mill-konvenut minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fit-12 ta' Lulju 2013 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li ppronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet skont l-Artikolu 66[A] tal-Kodici Civili ghar-ragunijhiet imputabbli liz-zewg partijiet indaqs, ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u llikiwdat u assenjat bejn il-partijiet l-assi tal-komunjoni u wkoll ordnat lill-konvenut *rebus sic stantibus* ihallas lill-attrici manteniment ghaliha fl-ammont ta' €230 fix-xahar, b'effett mill-1 ta' Lulju 2013; l-ispejjez jinqasmu bejn il-partijiet ugwalment.

2. Rigward il-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-assi tal-komunjoni, l-ewwel Qorti iddecidiet hekk:

> "Tilqa' t-tielet talba u għalhekk fir-rigward tar-raba' talba, tordna x-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tordna l-assenjazzjoni tal-vettura Opel Astra lill-konvenut bi ħlas ta' ekwiparazzjoni ta' elf Ewro (€1,000) li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi immedjatament; il-kontijiet kollha bankarji lokali f'isem il-partijiet għandhom jibqgħu assenjati fuq min huma intestati; iżda dawk intestati konġuntivament, inkluż bonds, poloz ta' assikurazzjoni u investimenti oħra kollha f'Malta, kif ukoll dawk esteri li pero' wkoll huma f'isem il-partijiet konġuntivament għandhom jinqasmu f'sehem ugwali bejn il-partijiet; tordna lill-konvenut għar-raġunijiet ġja' ndikati iħallas lill-attriċi s-somma ulterjuri ta' sittax-il elf sitt mija u disa' Ewro (€16,609) għas-saldu tal-poloz imsemmija li qed jiġu assenjati lilu anke jekk ġja' żbankati; kull parti għandha tħallas id-djun li daħlet għalihom f'isimha;"

**Fatti**

3. Il-partijiet izzewwgu fit-22 ta' Gunju 1974 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal li llum huma maggjorenni. F'Ottubru 2001 il-partijiet

isseparaw *de facto*, u fil-waqt l-attrici rrikorriet ghall-ghajnuna ghand l-agenzija appogg, il-konvenut eventwalment mar jghix ghand ommu,

4. Bazikament l-inkwiet matrimonjali bejn il-partjiet isib il-bazi tieghu fl-allegazzjonijiet attrici li l-konvenut mill-bidunett taz-zwieg kien ikkommetta adulterju u ttanta xi nisa, indikati minnha b'isimhom. Dan gab hafna nkwiet bejn il-partijiet, li eventwalment wassal ghall-proceduri odjerni.

**L-Appell**

5. Dan hu msejjes fuq tlett aggravji li jirrigwardja: [1] il-htija ghal-hall taz-zwieg; [2] l-hlas tal-manteniment da parti tal-konvenut; [3] l-assenjazzjoni tal-assi tal-komunjoni, in kwantu tirrigwarda r-rikavat mill-poloz tal-assikurazzjoni, l-ekwiparazzjoni relatata mal-vetturi tal-partijiet, u d-djun tal-komunjoni.

6. Ghaldaqstant il-konvenut qed jitlob li s-sentenza appellata tigi varjata fit-termini tal-aggravji tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata li min-naha qed titlob li l-appell tal-konvenut jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant.

*L-ewwel aggravju*

7. Dan hu fis-sens li ma kellux jigi attribwit lill-konvenut nofs ir-responsabbilta` tat-tkissir taz-zwieg.

8. Fir-rigward is-sentenza appellata taqra hekk:

> "TORT
>
> "Illi kif ġja' ngħad allura l-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ.
>
> "Illi l-Qorti wara li eżaminat sewwa l-atti, jidhrilha li għandha taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali li għalkemm il-partijiet għamlu diversi akkużi fil-konfront ta' xulxin, dawn ma ġewx konklussivament ipprovati. Li kien jiġri żgur huwa li l-partijiet kienu jinfexxu fi ġlied qalil kontra xulxin u mhux eskluż li għamlu xi girfa lil xulxin; spiċċaw kif ġie enunċjat f'kawżi oħra *"f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno insopportabile abitazione e la vita commune …"* **("Caterina Agius vs Benedict Agius" –** deċiża mill-Prim' Awla fit-13 ta' Ġunju 1967). Ma ssibx għalhekk li hemm lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili."

9. Il-konvenut jilmenta li, ghalkemm l-ewwel Qorti sabet liz-zewg partijiet ugwalment responsabbli, "il-motivazzjoni wara din l-konkluzjoni ma tidher imkien". Jghid li l-ewwel Qorti ma apprezzatx il-fatt li kienet l-attrici li ghamlet minn kollox sabiex tkisser lill-konvenut, kemm finanzjarjament kif ukoll emozzjonalment. Huwa kien jghaddi lill-attrici l-paga kollha tieghu, filwaqt li l-ispejjez tad-dar kien ihallashom hu.

10. Jghid li l-attrici kienet iffissat li hu kellu relazzjonijiet extra-matrimonjali u kienet tmur fil-hanut fejn jahdem bhala bejjiegh tal-laham u taghmillu x-xenati,

bir-rizultat li l-klijenti tieghu ma baqghux imorru ghandu u l-business mar lura hafna.

11. Jghid li martu kienet terfa' idejha fuqu.

12. Il-konvenut jallega li l-attrici ghandha relazzjoni extramaritali ma' persuna indikat minnu b'ismu, bl-indirizz tieghu u bin-numru tal-vettura tieghu. Inoltre, kienet l-attrici li talbet il-konverzjoni tat-talba minn wahda ta' separazzjoni personali ghal wahda ta' divorzju.

13. Jissenjala wkoll il-fatt li mill-provi jirrizulta li l-attrici kienet ghamlet pagamenti sostanzjali lil persuna tas-sess maskili izda stqarret bil-gurament li ma tafx x' kienu dawn l-ammonti u lanqas taf il-persuna li rceviethom.

14. Min-naha taghha l-attrici tirribatti dan l-aggravju bil-mod segwenti: li r-raguni tat-tkissir taz-zwieg kienet il-vjolenza da parti tal-konvenut fil-konfront taghha, kif ukoll l-ingurji gravi kommessi minnu fil-konfront taghha; li l-persuna indikata mill-konvenut fir-rikors tal-appell tieghu u li skont hu, martu ghandha relazzjoni mieghu qatt ma ssemmiet qabel; li l-fatt li kienet l-attrici li talbet ghall-konverzjoni tat-talba huwa rrelevanti ghall-finijiet tal-htija.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

15. Fl-ewwel lok, jigi osservat li l-fatt li l-ewwel Qorti ma semmietx fis-sentenza l-elementi ta' provi kollha ma jfissirx li dik il-Qorti injorathom. Di fatti l-ewwel Qorti qalet espressament li hi kienet "ezaminat sewwa l-atti", u minn dan l-ezami waslet ghall-konkluzjoni taghha. Il-Qorti m'hijex tenuta li tindika fis-sentenza l-provi kollha li hi ikkonsidrat fl-apprezzament taghha, u huwa bizzejjed li tissenjala l-motivazzjoni li a bazi taghha tkun waslet ghal-konkluzjoni taghha.

16. Fit-tieni lok, jigi osservat li mis-sentenza appellata jirrizulta car dak li wassal lill-ewwel Qorti sabiex tattribwixxi htija reciproka lill-partijiet, fi kwoti ugwali, ghat-tkissir taz-zwieg. Fis-sentenza tghid li l-partijiet kienu ghamlu diversi akkuzi fil-konfront ta' xulxin, u li l-provi fir-rigward kienu skarsi. Tghid ukoll "li kien jigri zgur huwa li l-partijiet kienu jinfexxu fi glied qalil kontra xulxin u mhux eskluz li ghamlu xi girfa lil xulxin."[1] Fis-sustanza dan jirrizulta mill-provi, u wkoll tenut kont li dawn l-incidenti kienu jsehhu ripetutament, kienu rrendew insapportabbli l-konvivenza bejniethom. Dan jikkostitwixxi 'sevizzi' u anke 'inguri gravi' fit-termini tal-artikolu 40 tal-Kodici Civili, da parti tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin.

17. Fit-tielet lok, jigi osservat li din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti jekk mhux ghal xi ragunijiet gravi jew f'kaz ta' zball manifest, li jistghu jwasslu li xi parti ssofri

[1] Supra

ingustizzja, jew jekk mill-provi akkwiziti l-ewwel qorti ma setghetx tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

18. Fl-affidavit taghha l-attrici tallega li l-konvenut kien ossessjonat bil-films pornografici, u kien jobbligaha ghas-sess anke kontra l-volonta' taghha. Tghid li sa mill-bidu tal-konvivenza matrimonjali l-konvenut kien ittanta nisa identifikati minnha, u anke kkommetta adulterju ma' wahda minnhom ghax hekk kienet semghet minghand in-nies. Tghid li l-konvenut spicca sabiex laqqat marda sesswali. Din il-Qorti tosserva li, minkejja dawn l-akkuzi, il-konvenut cahad biss l-allegazzjoni rigwardanti l-marda sesswali u l-films pornografici, izda ma cahadx li hu kien verament ittanta n-nisa indikati mill-attrici.

19 L-attrici tghid ukoll li l-problemi serji kienu bdew fis-sena 2000 meta l-konvenut kien beda jerfa' idejh fuqha tant li eventwalment kellha ssib rifugju fi hdan l-agenzija appogg. Il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li f'zewg okkazjonijiet, wahda fit-28 ta' Gunju 2001 u l-ohra fis-17 ta' Ottubru 2001, l-attrici kienet sfat vittma ta' vjolenza domestika u sofriet griehi kif jirrizulta wkoll mic-certifikati medici u mir-ritratt ezebit, kif ukoll mix-xhieda tat-tabib Dr. Patrick Farrugia. Dan ikkonferma li l-attrici kellha *"tbengil fuq saqajha, idejha xxellugija, taht l-ispalla n-naha ta' isfel tax-xellug".* Ukoll Marilynn Formosa Ventura addetta mad-*domestic violence* unit fi hdan l-agenzija Appogg li xehdet li meta kienet marret ghandha l-attrici f'Ottubru 2001 rat li din kellha

*bruising* fuq wiccha. Dawn l-incidenti jaghtu konfort lit-tezi attrici li l-konvenut kien gieli jerfa' idejh fuqha.

20. Tenut kont tal-premess u tad-diversi akkuzi ohra reciprokament maghmula miz-zewg partijiet, fosthom li l-konvenut kien jahbi mill-attrici l-introjtu tieghu, fil-waqt li l-attrici kienet tghajjru u anke kienet tmur il-hanut tieghu taghmillu x-xenati hemm, din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddipartixxi mid-decizjoni mehuda mill-ewwel Qorti fir-rigward u cioe` li z-zewg partijiet jahtu ugwalment ghall-hall taz-zwieg.

21. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tieni aggravju*

22. Dan jirrigwarda l-ordni ghall-hlas ta' manteniment da parti tal-konvenut lill-attrici. Il-parti relevanti tas-sentenza taqra hekk:

> "MANTENIMENT
>
> "Illi l-Perit Legali ssottometta ħlas ta' mitejn u tletin Ewro (€230) fix-xahar bħala manteniment minħabba li mill-ġbir tal-provi deherlu li l-konvenut kellu biżżejjed proprjeta' biex jagħmel dan, u in vista tal-fatt li l-attriċi b'ebda mod ma ddekadiet mid-dritt tagħha għal manteniment. Il-Qorti taqbel ma dawn il-konsiderazzjonijiet u għar-raġunijiet indikati, a fol 681 u 682, se taderixxi għal dan is-suġġeriment."

23. Fir-rigward l-ewwel Qorti qablet mal-konsiderazzjonijet maghmula u l-konkluzjoni raggjunta mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu. L-istess perit legali

jghid li l-provi dwar id-dhul tal-partijiet huma inkompleti u inkluzivi, izda jissenjala l-fatt li fis-snin 2005 u 2008 piu` o meno l-introjtu tal-partijiet kien l-istess. Jghid ukoll li fiz-zmien meta l-attrici kienet tahdem mal-konvenut fil-hanut tieghu, inizjalment kien jaghtiha LM80 fil-gimgha u eventwalment bl-awment fil-problemi matrimonjali, dan l-ammont gie ridott ghal LM50 fil-gimgha sakemm eventwalment il-konvenut waqqaf ghal kollox il-hlas lill-attrici. Il-perit legali wasal ghall-konkluzjoni li l-konvenut ghandu jhallas manteniment lill-attrici in bazi ghall-fatt li l-konvenut ghandu assi kapitali parafernali ghad-dispozizzjoni tieghu, kif ukoll in vista tal-fatt li l-pensjoni tal-attrici ser tkun wahda mizera minhabba li l-paga li kien jaghtiha meta kienet tahdem mieghu ma kienitx tigi dikjarata. Huwa jattribwixxi dan il-fatt lill-konvenut.

24. Fir-rigward il-konvenut jghid li m'huwiex minnu li huwa ghandu "bizzejjed proprjeta`" biex ihallas manteniment lill-attrici. Inoltre, illum jghix bil-pensjoni li, flimkien mal-ghajnuna medika, tammonta ghal €7,858.42 [sena 2013][2]

25. Min-naha taghha l-attrici fix-xhieda taghha tal-21 ta' April 2008 tghid li hi kienet u ghadha tahdem *full-time* ma' kumpanija privata u li kienet taqla' l-paga minima. Sussegwentement b'rikors prezentat minnha fit-23 ta' Awqwissu 2013 hija informat lil din il-Qorti li l-impieg taghha kien gie terminat minhabba *redundancy*, u talbet sabiex din il-Qorti tisma' xhieda fir-rigward.

[2] Fol.47 inkartament tal-appell

Izda, fl-udjenza tad-9 ta’ Gunju 2014, l-attrici tramite d-difensur taghha, irtirat it-talba taghha peress “li fil-frattemp regghu inbidlu c-cirkostanzi …. [u] minkejja li seta’ kien hemm xi cirkostanzi godda inkluz l-impieg gdid ta’ Monica Borg, dawn ma jaffettwawx sostanzjalment ic-cirkostanzi finanzjarji reciproci tal-partijiet”.

26. Fi ftit kliem, l-attrici qed tghid li ghandha impieg, izda xorta wahda qed tinsisti li tithallas manteniment minghand il-konvenut.

27. Il-Qorti tosserva li, tenut kont li l-konvenut illum jghix bil-pensjoni, u tenut kont li l-attrici ghandha impieg [ghalkemm ma semmietx l-introjtu taghha minn dan ‘l-impieg gdid’] l-attrici hija xorta wahda qed titlob manteniment minghand il-konvenut ghar-raguni esposta mill-perit legali u konfermata mill-ewwel Qorti li l-konvenut ghandu assi kapitali bizzejjed sabiex jibqa’ l-obbligu tal-konvenut li jhallas manteniment lill-attrici in linea mal-principju kontenut fl-Artikolu 20 [1] tal-Kodici Civili.

28. Rigward “l-assi kapitali” senjalati mill-perit legali, ma jirrizultax x’inhuma dawn l-assi, u ghalhekk din il-Qorti qed tifhem li dawn huma l-assi parafernali tal-konvenut gejjin mill-bejgh ta’ immobbli li huwa kellu in komproprjeta` ma’ hutu. L-attrici fir-rigward taghmel referenza ghal erba’ kuntratti ta’ bejgh-u-xiri

li saru rispettivament fil-5 ta’ Ottubru 1989, 14 ta’ Jannar 1992, fl-1 ta’ Marzu 1994 u fl-24 ta’ April 1995.[3]

29. Il-bejgh tal-mahzen li sar fil-5 ta’ Ottubru 1989 kien sar mill-konvenut u huh Joseph ghall-prezz ta’ LM7,000 u allura sehem il-konvenut kien ta’ LM3,500.

30. Il-bejgh tal-farm li sar fl-14 ta’ Jannar 1992 sar ghall-prezz ta’ LM25,000 u r-rikavat inqasam bejn il-konvenut u huh Joseph, u ghalhekk sehem-il konvenut kien ta’ LM12,500.

31. Il-bejgh ta’ Anglu Flats li sar fl-1 ta’ Marzu 1994 kien sar mit-tmien (8) ahwa in kwantu ghal nofs indiviz, filwaqt li n-nofs indiviz l-iehor kien jappartjeni lil ommhom. Dan sar ghall-prezz ta’ LM8,500, u s-sehem tal-konvenut kien ta’ LM531.[4]

32. Il-bejgh tal-fond “Tenmesse” li sar fl-24 ta’ April 1995 kien sar ghall-prezz ta’ LM20,000 li nqasam, inkwantu ghal nofs lil omm l-ahwa Borg, filwaqt li r-rimanenti nofs inqasam bejn it-tmien ahwa. Ghalhekk sehem il-konvenut minn dan il-bejgh kien ta’ LM1,250.

[3] Fl-atti hemm biss kopja tan-noti tal-insinwi
[4] LM8,500 ÷2 ÷ 8

33. Ghalhekk b'kollox mill-bejgh tal-proprjeta` parafernali l-konvenut dahhal l-ammont ta' LM17,781 illum ekwivalenti ghal €41,429. Fir-rigward, l-attrici tilmenta li hi qatt ma hadet xejn minn dan ir-rikavat. Il-konvenut jispjega li rizultat tal-qasma l-hanut gie f'idejh, u kellu jaghmel diversi spejjez fir-rigward.

34. Din il-Qorti tosserva li, apparti mill-fatt li l-ammont fuq indikat ma jikkwalifikax bhala assi kapitali sostanzjali, hija verosimili l-verzjoni tal-konvenut li dawn uzahom fil-gestjoni tal-hanut u hallas l-overdraft li kellu fir-rigward. Barra minnhekk din it-tezi hija korroborata mix-xhieda ta' huh Joseph Borg li jghid li meta l-konvenut ha l-hanut kien hemm overdraft fuq in-negozju ta' LM13,000. Ukoll, u b'aktar emfazi, jinghad li dawn huma flus parafernali tal-konvenut li fuqhom l-attrici ma kellhiex jedd, filwaqt li dwar l-introjtu tal-hanut dan kien jidhol fil-komunjoni tal-akkwisti u ghall-ispejjez tal-familja. Jigi ribadit li kien hemm zmien li l-attrici kienet tghin fil-hanut bla hlas, u li sussegwentement il-konvenut beda jaghtiha paga ghax-xoghol taghha fil-hanut.

35. Qed jigi osservat ghall-finijiet tal-kompletezza li t-tezi tal-konvenut li l-attrici kienet "irrinunzjat tacitament" ghad-dritt taghha tal-manteniment hija insostenibbli, kemm ghax hi qatt ma rrinunzjat ghal dan id-dritt, kif ukoll ghax il-fatt li ma kienitx invokatu qabel ghax kienet f'impieg regolari ma jwassalx ghat-telf jew rinunzja tad-dritt. Ghalhekk ladarba ma giex deciz li l-partijiet jew xi parti ddekadew minn dan id-dritt jibqa' ferm fil-konfront taz-zewg partijiet id-

dritt tal-manteniment kemm-il darba jigu sodisfatti l-kriterji kontenuti fl-Artikolu 20 [1] fuq citat.

36. Barra minn hekk l-attrici hadet sehemha mir-rikavat tal-prezz tad-dar matrimonjali fl-ammont ta' LM74,000 wara li tnaqqas id-dejn tal-Bank.

37. Ghaldaqstant, tenut kont li mill-provi ma jirrizultax li l-konvenut ghandu xi assi ta' certu relevanza u tenut kont li llum l-attrici ghandha impieg regolari, ma hemmx lok, *rebus sic stantibus*, li jigi ordnat ihallas lill-attrici manteniment ghaliha.

38. Ghalhekk dan l-aggravju huwa <u>fondat</u>.

*It-tielet aggravju*

39. Dan jirrigwarda l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-assi tal-komunjoni, u b'mod specifiku, dak deciz mill-ewwel Qorti dwar il-poloz tal-assikurazzjoni, il-vetturi u d-djun tal-komunjoni. Is-sentenza appellata fil-parti relevanti taghha taqra hekk:

> "**PROPRJETA'**
>
> "Illi mill-provi jirriżulta li hemm dawn il-beni:
>
> - "Vettura Opel misjuqa mill-konvenut; u Peugeot misjuqa mill-attriċi li pero' ġiet skrappjata.
> - "Kont il-Bank of Valletta f'isem il-konvenut u ieħor li kien f isem l-attriċi u li ġie żbankat minnha;

- “Żewġ poloz tal-assikurazzjoni f’isem il-konvenut.

“Illi l-Qorti anke hawn taqbel ma’ ħafna mis-sottomissjonijiet tal-Perit Legali u tagħmel tagħha għall-istess raġunijiet il-konklużjonijiet, a fol 47 sa 49, tar-rapport u se tordna li l-kont tal-BOV jibqa’ għand il-konvenut; il-kont tal-VISA għand l-attiriċi; il-vettura Opel tiġi assenjata lill-konvenut li għaliha pero’ l-Qorti se tordna ħlas ta’ ekwiparazzjoni ta’ elf Ewro (€1,000) [*likwidat arbitrio boni viri*] lill-attriċi. Il-Qorti mbagħad taqbel li huwa għandu jħallas ukoll is-somma ta’ sittax-il elf sitt mija u disa’ Ewro (€16,609) likwidata mill-istess Perit Legali għas-saldu għall-ħlas ta’ sehemha mill-poloz imsemmija wara li huwa naqqas id-depożitu żbankat mill-attriċi fuq imsemmi.

“Illi dak li mhux imsemmi hawn fuq jibqa’ l-proprjeta’ fuq minn min huwa ntestat.”

40. Mill-provi jirrizulta li wara z-zwieg il-konvenut hareg tlett poloz tal-assikurazzjoni fuq ismu: fis-snin 1977u 1978 hargu il-poloz mal Prudential Assurance Company Limited, u fis-sena 1986 u 1983 hargu fuq isem il-konvenut zewg poloz mas-socjeta` assikuratrici Eagle Star. Dawn il-poloz gew terminati qabel iz-zmien u c-cheque gie mahrug fuq isem il-konvenut stante li l-poloz kienu fuq ismu. L-attrici pero` iffirmat ghat-terminazzjoni taghhom. Rigward il-poloz mal-kumpanija Prudential, il-konvenut ha zewg ammonti li komplessivament jammontaw ghal LM14,351.16[5], filwaqt li fit-terminazzjoni tal-poloz mal-Eagle Star il-konvenut ha s-somma ta’ LM3,064[6]. Ghalhekk b’kollox mill-poloz li, ghalkemm kienu fuq isem il-konvenut, izda kienu assi tal-komunjoni, anke jekk kif sostnut mill-konvenut il-premiums relattivi kienu jithallsu mill-introjtu tieghu biss, il-konvenut ha s-somma ta’ LM17,415.68.

[5] Fol.239
[6] Fol.313

41. Il-konvenut jghid li dawn il-flus uzahom sabiex hallas parti mid-dejn li kien ghad fadal tal-hanut, u ghad-dar matrimonjali. Min-naha taghha l-attrici ssostni li hi ma rat xejn minn dawn il-flus, u li l-konvenut zammhom ghalih. Fl-aggravju tieghu l-konvenut jiccita bran mill-affidavit tieghu in sostenn tat-tezi tieghu, izda ma prezentax provi dokumentali li juru li din is-somma intuzat ghal dan il-ghan. Ghalhekk tenut kont tac-cahda da parti tal-attrici, ladarba l-flus hargu fuq isem il-konvenut kien jinkombi fuqu l-oneru tal-prova li dawn il-flus intuzaw minnu ghall-hlas ta’ debiti tal-komunjoni. Il-Qorti tosserva li l-konvenut imkien ma indika, la fin-nota ta’ kritika tieghu ghar-rapport tal-perit legali, lanqas fir-rikors tal-appell tieghu li hemm prezentati dokumenti li jsostnu l-allegazzjoni tieghu.

42. Inoltre, jigi osservat li mill-provi jirrizulta pacifiku li l-flus hargu kollha fuq isem il-konvenut, u minkejja li l-attrici kienet iffirmat sabiex jigu terminati l-poloz, anke jekk volontarjament, ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li allura hadet nofshom. Hija kienet iffirmat semplicement biex jinhargu l-flus, izda cahdet li rceviet sehemha minnhom.

43. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta meta addottat il-konsiderazzjonijiet tal-perit legali fir-rigward. Jirrizulta li b’kollox il-konvenut ha s-somma ta’ LM17,415.68 li nofsha, u cioe` l-ammont ta’ LM8,707.84 huwa sehem l-attrici mill-komunjoni. Izda minn dan l-ahhar ammont ghandu

jitnaqqas l-ammont ta' LM1,578[7] li jirrapprezenta nofs l-ammont ta' LM3,000, liema ammont, flimkien mal-imghax relattiv ta' LM156 huma assi tal-komunjoni u li kienu gew zbankati mill-attrici.

44. Dan iwassal sabiex l-ammont kollu dovut mill-konvenut lill-attrici jkun ta' LM7,129.84 ekwivalenti ghal €16,613, kif deciz mill-ewwel Qorti.

45. Ghaldaqstant din il-parti ta' dan l-aggravju hija infondata.

46. Rigward l-ekwiparazzjoni tal-vetturi, il-konvenut jghid li dan l-ammont ta' €1,000 fissat mill-ewwel Qorti huwa wiehed eccessiv u zejjed. Barra minn hekk il-vettura Peugeot assenjata lill-attrici kienet inxtrat mill-flus parafernali tieghu. Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li, salv ghall-allegazzjoni tieghu l-konvenut ma gabx provi sodisfacenti in sostenn tat-tezi li l-vettura nxtrat mill-flus parafernali tieghu. Fit-tieni lok, din il-Qorti wara ezami tad-dokumenti ezebiti, u cioe` kopji tal-fatturi[8] relattivi ghall-premium tal-vetturi, jirrizulta li, filwaqt li l-vettura Opel Astra, assenjata lill-konvenut, hija inxurjata ghas-somma ta' LM2,000, il-vettura Peugeot assenjata lill-attrici, hija inxurjata fuq is-somma ta' LM1,200 li jfisser differenza fil-valur taz-zewg vetturi fl-ammont ta' LM800 llum ekwivalenti ghal €1,864. Ghalhekk, din il-Qorti ma tarax li hemm raguni valida ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti meta waslet *arbitrio boni viri* ghall-ekwiparazzjoni ta' €1,000, anke tenut kont

[7] LM3000 + LM156 ÷ 2
[8] Datati 31 ta' Marzu 2008 [Opel] u 31 ta' Dicembru 2008 [Peugoet] – Fols.392 - 393

tal-fatt li mid-data tal-fatturi sad-data tas-sentenza ghaddew kwazi hames snin.

47. Ghaldaqstant din il-parti ta' dan l-aggravju hija nfondata.

48. Rigward il-parti tas-sentenza li tirreferi ghad-djun, il-konvenut hassu aggravat ghax skont hu l-ewwel Qorti ma haditx konjizzjoni tad-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti favur omm il-konvenut, Roza Borg, u li jammonta ghal LM1,450 kif jirrizulta mill-iskrittura privata datata 30 ta' Novembru 2000. Jghid li *"Hemm ohra [skrittura] ta' LM4,000]."* Inoltre, jghid li huwa kien hareg l-ammont ta' LM20,000 biex xtara l-plot li fuqha kien bena u mela d-dar matrimonjali. Bl-istess flus parafernali huwa kien xtara wkoll il-vettura Peugeot. Jilmenta li l-Qorti ma qisietx dawn il-fatti li jirrizultaw allegati mill-affidavit tieghu.

49. Dwar l-allegat dejn tal-komunjoni tal-akkwisti din il-Qorti tirribadixxi li min jallega ghandu l-oneru tal-prova tal-fatt allegat. F'dan il-kaz, il-konvenut ma ressaq ebda prova fir-rigward, ghajr l-allegazzjoni tieghu. Din il-konsiderazzjoni tassumi aktar qawwa in vista tal-fatt li, ghalkemm fir-rikors tal-appell jghid li hemm zewg skritturi li juru li ommu hija kreditrici tal-komunjoni fl-ammonti fuq indikati, huwa naqas li jesebihom. Huwa wkoll sinifikattiv il-fatt li, ghalkemm omm il-konvenut xehedet *viva voce*, la ssemma minnha d-dejn allegat mill-konvenut binha, la ssemmew l-iskritturi privati indikati mill-konvenut fir-rikors tal-appell, u ma saret ebda mistoqsija fir-rigward. L-istess

japplika ghall-allegazzjoni dwar ix-xiri tal-Peugeot. Ghajr ghall-allegazzjoni tieghu ma ngabitx prova li din inxtrat mill-flus parafernali tal-konvenut, u ghalhekk anke f'dan il-kaz ghandha tapplika l-prezunzjoni favur il-komunjoni tal-akkwisti.

50. Ghaldaqstant anke din il-parti tal-aggravju hija infondata.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell limitatament billi tvarja s-sentenza appellata billi tirrevoka dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment ghaliha fl-ammont ta' €320 fix-xahar; tikkonferma s-sentenza ghall-bqija.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk relatati mal-appell odjern ghandhom jinqassmu in kwantu ghal terz [$^{1}/_{3}$] jigu sopportati mill-attrici, filwaqt li zewg terzi [$^{2}/_{3}$] jkunu a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------